

Brussell, 19 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15850/17

ENV 1077
WTO 318
MI 971
CHIMIE 108
DELECT 255

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	15278/17 ENV 1023 WTO 301 MI 908 CHIMIE 104 DELECT 243 + ADD 1
Suġġett:	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... tat-28.11.2017 li jemenda l-Annessi I u V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi - Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet għal att delegat

1. Il-Kummissjoni ppreżentat l-att delegat¹ imsemmi hawn fuq lill-Kunsill f'konformità mal-proċedura li tinsab fl-Artikolu 290 TFUE u b'mod partikolari l-Artikolu 23(4) tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi². Peress li l-Kummissjoni nnotifikat l-att delegat fit-28 ta' Novembru 2017, il-Kunsill jista' joġġezzjona għalih sad-29 ta' Jannar 2018.

¹ Dok. 15278/17 + ADD 1.

² ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60.

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent eżamina l-att delegat u qabel li ma hemm l-ebda raġuni għaliex il-Kunsill għandu joġġezzjona għalih.
 3. Għalhekk huwa ssuġġerit li l-Coreper jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma li ma għandu l-ebda intenzjoni li joġġezzjona għall-att delegat u li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jiġu mgħarrfa b'dan. Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax għalih, l-att delegat għandu jiġi ppubblikat u jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat.
-